MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-7 ta' April, 2009

Talba Numru. 952/2008

**C&H Bartoli Limited (C 383)**

**Vs**

**Maria Perrett (ID 982549M) f'isimha stess u bhala ezercenti l-kummerc taht l-isem 'Rose & Lily'**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' elf, hames mija u sebghin ewro u wiehed u tmenin ewro centezmi (€1570.81) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' diversi oggetti ta' catering equipment mibjugha lill-konvenuta. Illi l-konvenuta hallset parti mis-somma dovuta izda ghad fadal thallas l-bilanc mitlub skond dokument anness.

Illi ghalkemm interpellata permezz ta’ ittra legali tal-11 ta’ Ottubru, 2008 sabiex tghaddi ghal hlas baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-imghaxijiet legali mid-data ta` l-ahhar invoice, bl-ispejjez ta` l-ittra legali u tal-mandat kawtelatorju prezentat fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) kontestwalment u bl-ispejjez tal-prezenti.

Ra mill-atti li s-socjeta’ attrici ipprezentat nota ta’ riduzzjoni fit-19 ta’ Frar, 2009 u s-somma giet ridotta ghal €670.81 u zammet ferm il-Kap ta` l-ispejjez u l-ispejjez tal-mandat kawtelatorju.

Ra mill-atti li s-socjeta’ attrici ipprezentat nota ta’ riduzzjoni fis-seduta tal-24 ta’ Marzu, 2009 u s-somma giet ridotta ghal €170.81 u zammet ferm il-Kap ta` l-ispejjez u l-ispejjez tal-mandat kawtelatorju.

Sema` x-xhieda ta’ Anna Antignolo fejn ikkonfermat illi l-ammont kien ghadu dovut u li sa llum l-konvenuta hija debitrici fis-somma ta’ €170.81 u ghalhekk kellha ssir riduzzjoni fit-talba.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u l-anqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi l-konvenuta naqset li tidher ghas-seduta ta` llum.

Ra illi l-konvenuta naqset li tikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------